**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 7**
**Citaz. Nru. 175/1988 JZM**

**Maryanne Delia f`isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` E.D.E. Limited, Carmelo Delia u b`digriet tas-27 ta` April 2009 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta` Yvonne Delia, Mariella Grech u l-Perit Joseph Delia flok Carmelo Delia; Dottor Walter Delia, Phyllis mart it-tabib Dottor Paul Muscat, Yvonne Delia, Grezzju Camilleri, Paul Camilleri, Luigi Camilleri, Carmelina Gatt, Rose Gatt, l-Ispizjara John u Carmel ahwa Gatt, u n-Nutar Dottor Anthony Gatt.**

***kontra***

**Peter Galea u Carmelo Mifsud; u b`digriet tat-12 ta` April, 1988 kienu kjamati in kawza Mario Mallia u Anthony Zammit; u b`digriet tas-6 ta` Mejju 2009 l-atti gew trasfuzi f`isem George Mifsud, Joseph Mifsud u Maryanne Micallef minflok Carmelo Mifsud; u b`digriet tad-9 ta` Frar 2016 l-isem "Anthony Zammit" gie korrett ghal "Anthony Zammit Cordina".**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment fil-miftuh dwar nota li pprezentaw il-konvenuti George Mifsud, Joseph Mifsud u Maryanne Micallef, ahwa Mifsud, fil-31 ta` Awissu 2016 (fol 810 u 811).**

## I. Preliminari

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti George Mifsud, Joseph Mifsud u Maryanne Micallef ahwa Mifsud fil-31 ta` Awissu 2016 (fol 810 u 811).

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Settembru 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment fil-miftuh ghal-lum dwar in-nota tal-imsemmija konvenuti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Fatti

Mill-atti tal-kawza, jirrizultaw dawn il-fatti li, fil-fehma taghha, huma saljenti ghall-fini tal-provvediment tal-lum :-

1) Ir-rikorrenti huma l-eredi ta` Carmelo Mifsud, wiehed mill-konvenuti.

2) Carmelo Mifsud miet fit-8 ta` Dicembru 2002.

3) Certament sad-data tal-mewt ta` Carmelo Mifsud, il-gbir tal-provi kien qed isir minn periti gudizzjarji ; ghall-bidu mill-Perit Godwin Drago li kien mahtur bhala perit tekniku b`digriet ta` din il-Qorti

diversament presjeduta tat-28 ta` Gunju 1988 (fol 32) ; u in segwitu mill-Av. Joseph Micallef Stafrace li kien mahtur bhala perit legali b`digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta` Frar 1990 (fol 39).

4) L-ewwel atti li jigu wara d-data tal-mewt ta` Carmelo Mifsud huwa l-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Frar 2003 (fol 95).

5) Ma jirrizultax illi l-mewt ta` Carmelo Mifsud ingiebet ghall-konjizzjoni tal-Qorti mid-difensur tieghu jew mill-eredi tieghu.

6) Fl-udjenza tat-23 ta` Gunju 2006 sar verbal fejn il-Qorti kienet infurmata illi l-provi kienu maghluqa u li l-konvenuti ma dehru qatt matul it-tmien snin precedenti d-data tal-udjenza (fol 107).

7) B`digriet taghha tal-25 ta` Novembru 2007 (fol 112) din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tal-Av. Joseph Micallef Stafrace kif dedotta b`rikors li pprezenta fit-12 ta` Novembru 2007 sabiex ikun esonerat mill-inkariku bhala perit legali. Bl-istess digriet l-Av. Micallef Stafrace kien sostitwit bl-Av. Adrian Camilleri.

8) Il-Qorti hadet nota ta` r-rikors li kien ipprezenta Dr Adrian Camilleri fis-26 ta` Gunju 2008 (fol 117).

9) Kien biss fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2008 (fol 124) illi din il-Qorti diversament presjeduta kienet infurmata li Carmelo Mifsud kien ilu mejjet ghal numru ta` snin.

10) Fil-5 ta` Mejju 2009, l-atturi ipprezentaw rikors (fol 133) fejn talbu t-trasfuzjoni tal-atti ghall-isem tat-tliet ahwa Mifsud minflok il-mejjet missierhom Carmelo Mifsud. Din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba b`digriet taghha tas-6 ta` Mejju 2009.

11) Fit-8 ta` Gunju 2009 kienet prezentata nota ta` osservazzjonijiet mill-atturi (fol 140 et seq), segwita minn nota ta` l-osservazzjonijiet tal-kjamati fil-kawza tas-7 ta` Awissu 2009 (fol 155 et seq) u tal-konvenut Peter Galea fl-1 ta` Settembru 2009 (fol 185 et seq).

12) Il-perit legali Dr Adrian Camilleri pprezenta r-rapport tieghu fl-24 ta` Frar 2010 (fol 188) u halef dak ir-rapport fl-udjenza tat-22 ta` April 2010 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 190).

13) Mar-relazzjoni tieghu, Dr Camilleri pprezenta l-atti kollha li kienu jevidenzjaw it-twettieq tal-inkariku tal-periti gudizzjarji fosthom ir-relazzjoni tal-perit tekniku, id-dokumenti, it-traskrizzjoni tax-xiehda u l-verbali tas-seduti peritali.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti ezaminat b`reqqa l-atti ghall-fini tal-provvediment tal-lum u sejra taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

a) Illi ghalkemm Carmelo Mifsud deher meta l-procediment kien kondott mill-perit tekniku, kien verbalizzat illi deher darba wahda biss meta l-procediment kien kondott mill-perit legali, precizament ghas-seduta tat-12 ta` Awissu 1991, ghalkemm id-difensur tieghu deher wahdu diversi drabi. Tajjeb jigi rimarkat illi fil-verbali tas-seduti, ghalkemm l-avukat ta` Carmelo Mifsud kien l-Av. Tonio Borg, u dan deher ghal seduti, inkiteb ghal xi seduti li kien qed jidher ghall-konvenut Peter Galea mentri l-avukat ta` Peter Galea kien u baqa` l-Av. Paul Farrugia.

b) Illi sa mis-seduta tal-15 ta` April 1996, il-perit legali kien qed jigbor ix-xiehda tal-kjamati fil-kawza.

c) Illi fis-seduta peritali tad-19 ta` April 2001, kien ikkostatat illi l-atturi kienu ilhom li lestew il-provi taghhom.

d) Illi ma jirrizulta minn imkien li Carmelo Mifsud, sad-data tal-mewt tieghu, qatt ressaq provi jew inghata l-opportunita` li jressaq provi.

e) Illi lanqas ma jirrizulta li qatt ittiehed xi provvediment mill-Qorti sabiex jigi dikjarat l-gheluq tal-provi ta` Carmelo Mifsud.

f) Illi wara l-mewt ta` Carmelo Mifsud, ma jidhrix illi sar gbir ta` provi.

g) Illi t-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-isem tal-ahwa Mifsud minflok il-mejjet missierhom saret a tenur tal-Art 806 tal-Kap 12.

h) Illi ma jirrizultax li l-ahwa Mifsud kienu qatt notifikati bid-digriet tat-trasfuzjoni tal-gudizzju b`liema digriet effettivament kienu saru konvenuti minflok missierhom.

i) Illi ghalkemm il-jedd tal-persuna ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni huwa gelosament applikat minn dawn il-Qrati, il-harsien tal-jedd ghandu jitqies abbazi tat-totalita` tal-procediment. Fil-kaz tal-lum, in-nuqqas lamentat mill-ahwa Mifsud fin-nota taghhom ma jgibx in-nullita` ta` l-procediment. Il-Qorti trid tfittex bilanc bejn il-jeddijiet tal-partijiet propju ghaliex il-jedd ghal smigh xieraq mhuwiex biss ta` parti wahda izda tal-partijiet kollha. Ghalhekk bil-provvediment li sejra taghti, il-Qorti sejra tindirizza u tipprovdi dwar il-lanjanza tal-ahwa Mifsud fil-perspettiva korretta taghha.

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar in-nota tal-konvenuti ahwa Mifsud tal-31 ta` Awissu 2016 billi :-**

**Qeghda tiddikjara illi kull prova li saret kemm qabel u kif ukoll wara l-mewt ta` Carmelo Mifsud ghandha titqies bhala ammissibbli skont il-ligi. Ghalhekk xejn mill-provi akkwiziti m`ghandu jkun sfilzat, inkluz ir-rapporti peritali.**

**Fl-istess waqt, qeghda tiddikjara illi ladarba ma jirrizultax illi Carmelo Mifsud jew uliedu qatt ressqu provi, il-konvenuti ahwa Mifsud ghandu jkollhom opportunita` ragjonevoli sabiex iressqu l-provi taghhom, kompriz li jaghmlu kontroezami tax-xhieda li ressqu l-partijiet l-ohra fil-kawza, kif ukoll illi wara li jaghlqu l-provi taghhom, iressqu l-osservazzjonijiet taghhom ta` fatt u ta` dritt ghall-konsiderazzjoni taghha.**

**L-ispejjez relatati ma` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**